Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 372 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Tony Armando Zahra

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tony Armando Zahra detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 72688 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-12 ta' Frar, 2017 ghal habta tal-hdax ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer fil-binja u t-toroq ta' l-isptar San Luqa, tal-Pieta':

1 Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-Awtorita' kompetenti (PC 27 Alan Joseph Zahra u PC 101 Ruznai Gaffarena);

2 Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 27 Alan Joseph Zahra, inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3 Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 27 Alan Joseph Zahra hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Yanica Vella no 3505 mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana;

4 Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lill-PC 27 Alan Joseph Zahra, b' gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih.

5 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u / jew il-bon ordni b' ghajjat u / jew glied;

6 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiet l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

7 Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b' periklu li jahbat ma xi hadd u jwegghhu;

8 Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' mobile phone ta' ditta Samsung S5, liema hsara tammona ghal aktar minn €250 izda anqas minn €2500 ghad-dannu ta' PC 27 Alan Joseph Zahra;

9 Aktar talli fl-istess cirkostanzi naqas milli jhares diversi kundizzjoijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b' digriet ta' nhar il-21 ta' Marzu, 2014 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D., hi bih inghata l-helsien mill-arrest, u kif emendat sussegwentement.

Ghaldaqstant il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta' €1000 bhala depozitu u somma ta' €4000 bhala garanzija personali tghaddi favur iI-Gvern ta' Malta.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Settembru, 2017, fejn il-Qorti ghal dawn il-motivi, filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2), it-tmien (8) u disa' (9) imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnhom, wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221 (1), 339 (1) (b), 338 (DD), 338 (ee), 338 (cc), 325 (f) (b), 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra b' dan li kwantu ghall-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qieghed jinstab hati li ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' PC 27 biss u ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

L-imputat ma instabx hati tal-addebitu tar-recidiva inkwantu ghall-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss inkwantu ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ll-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza, rabtet lill-hati b' garanzija personali a favur PC 27 Alan Zahra taht penali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Tony Armando Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Settembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli joghgobha tilqa dan l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej:

(a) **Tikkonfermaha** fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe it-tieni (2) il-imputazzjoni, it-tmien (8) il-imputazzjoni u d-disa (9) il-imputazzjoni

(b) **Thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati cjoe l-ewwel (1) il-imputazzjoni, it-tielet (3) il-imputazzjoni, ir-raba (4) il-imputazzjoni, il-hames (5) il-imputazzjoni, s-sitt (6) il-imputazzjoni u s-sebgha (7) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

**Alternattivament, u minghajr pregudizju**, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond fir-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda l-esponent huwa tal-umli fehema illi in linea generali r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjest fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, li permezz taghhom l-esponenti setghet tinstab hatja. Bir-rispett jinghad li m'hijiex serena l-konkluzjoni li lahqet l-Ewwel Qorti.

Fix-xhieda tieghu PC 27 jsostni li huwa pprova jikkalma lill-esponent u beda jcempel ghal assistenza peress li kien wahdu u f'dak il-mument l-esponent ipprova jhebb ghlih b'irhama.

Bl-akbar rispett, l-ebda xhud li ra dan l-incident ma xehed li l-esponent ipprova jaggredixxi lill-PC 27 b'xi irhama.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jirrizulta li fuq il-post tal-allegat incident kien hemm kommossjoni kbira.

Waqt li l-esponent kien nizel it-tarag, ragel li l-esponent ma kienx jaf mar ghalih, habat go fih bi spalltu u qallu biex imur mieghu. L-esponent li ma kienx jaf min hu dak ir-ragel, talbu biex ihallih bi kwietu u haffef il-pass sabiex jiskansah. Fl-ebda hin ma r-ragel iddentifka ruhu bhala pulizija. Kien propju wara diversi minuti li fuq l-esponent marret fuqu persuna ohra fejn infurmatu li hu flimkien mar-ragel l-iehor kienu pulizija. **L-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jwegga' jew li ma jobdix l-ordnijiet tal-pulizija.**

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mil-appellanti timpingi direttament fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mil-Ewwel Qorti u dan meta fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi ghogobha ma taghtix affidament lil verzjoni moghtija mil-appellanti fix-xhieda tieghu. Illi jibda' biex jinghad, kif dejjem gie ritenut, illi huwa ferm odjuz illi qorti fi stadju ta' revizjoni tirrimpjazza dik id-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti meta din taghmel l-evalwazzjoni ta' provi, madanakollu din il-Qorti trid taghmel ezercizzju sabiex tistabilixxi jekk dak l-apprezzament kienx wiehed li seta' legalment u ragjonevolment isir fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti.

Jishaq l-appellanti illi ghall-incident mertu tal-kaz kienu prezenti biss hu u il-PC27 u kwindi l-ebda wiehed mix-xhieda l-ohra li tressqu mil-Prosekuzzjoni ma setghu jkunu xhieda ta' dak li sehh bejn dawn it-tnejn minn nies. Dan ghaliex jishaq illi

meta gie avvicinat mil-PC27 huwa ma kienx jaf li dan kien ufficjal tal-pulizija u li kien ghalhekk illi meta avvicinah u ipprova izommu huwa beza u intenta jahrab minn fuq il-post u iddefenda ruhu.

Illi allura dak li ghandu jigi mistharreg fl-ewwel lok hu jekk l-appellant kienx konxju tal-fatt illi l-persuna li kienet qed tipprocedi ghall-arrest tieghu kenitx fil-verita pulizija billi dan il-fatt necessarjament huwa wiehed mill-elementi li isawwru ir-reati li dwarhom hu gie misjub hati b'mod ewlieni ir-reat mahsub fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, liema reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, <u>provided the offender was aware of his status as such person</u>.*" (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' <u>il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato</u>.*" (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita deve essere nota a chi resiste.*"

Issa mix-xhieda prodotti fl-atti din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi hija ma temminx lill-appellanti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, li kellha ix-xorti tisimghu *viva voce* ighid illi huwa ma indunax illi l-PC27 kien ufficjal tal-pulizija. Tant hu hekk illi

hekk kif gie allertat mis-siehba tieghu Tracy Borg li kien hemm tlett ufficjali tal-pulizija jistennew barra ic-centru tad-Detox, l-appellanti kien pront ghalhekk inganna lil Joseph Vella impjegat tad-Detox billi tallbu bi skuza biex imur sat-*toilet* billi kien jaf illi minn hemm huwa seta' jaccedi ghal hrug mic-Centru fuq in-naha ta' wara tieghu u dan biex jahrab minn fuq il-post. Tant hu hekk illi kif ghamel dan u sab ma' wiccu lil PC27 huwa hebb ghalih u dan bil-ghan biex jipprova jahrab mil-arrest. Illi din il-Qorti temmen bis-shih il-verzjoni tal-PC27 li ighid li mal-ewwel informa lill-appellanti li kien pulizija. Tant hu hekk illi Joseph Vella stess kif gie arrestat l-appellanti wera r-rabbja tieghu mal-istess appellanti meta dan induna illi kien dahaq bih meta tallbu biex imur sat-toilet ghaliex dan ta'l-ahhar irrealizza illi l-ghan ta'l-appellanti kien illi jipprova jahrab minn fuq il-post. Sahansitra Tracey Borg is-siehba ta'l-appellanti li kienet prezenti vicin l-appellanti, madwar nofs metru 'il boghod minnu, tghid hekk:

*"dan il-pulizija, waqfu qallu 'jien pulizija, ieqaf hemmhekk, qieghed arrestat'."*

Ma hemmx dubbju allura li l-appellanti kien jaf ben tajjeb illi l-PC27 kien pulizija u li kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu. Mhux biss izda il-fattispecje ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehhom perfettament fl-elementi legali li isawwru l-artikolu 96 u cioe':

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita that din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku", li kif inghad huwa ippruvat f'dan il-kaz.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Premessi dawn il-gwidi gurisprudenzjali abbinati mal-fattispecje ta' dan il-kaz, din il-QOrti ma tarax illi hemm ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mil-fehma milhuqa mil-Ewwel Qorti. Illi kif gie superjorment deciz:

"*Biex ikun hemm ir-reat ta' attakk u rezistenza kontra persuna inkarikata minn servizz publiku, anki r-rezistenza hija bizejjed; basta li dejjem tkun akkompanjata almenu b'vie di fatto ("active force"). Issa kif hemm korrettement spjegat fl-Annotazioni alle Leggi Criminali ta'l-Avukat Falzon :- 'L'attacco e' il fatto di prendere l'offensiva, e la resistenza e' il fatto di prendere la difensiva. Si' nell'uno che nell'altro caso e' necessario che abbiano avuto luogo violenza o vie di fatto.*[1]'"

Illi ma hemmx dubbju illi f'dan il-kaz l-att ta' resistenza kien akkompanjat bil-vjolenza meta l-appellanti qabad bicca irhama u hebb ghal kuntistabbli 27 kif ikkonfermat mix-xhud Joseph Spiteri. Dan ifisser illi l-appellanti, li kien jaf ben tajjeb illi kien fil-presenza ta' ufficjali tal-pulizija li kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu, ipprova jahrab mill-arrest billi offra dik ir-resistenza li titkellem dwarha il-ligi, bl-uzu tal-vjolenza u l-hebb. Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Illi finalment ghalkemm l-appellanti ma iressaqx aggravvju formali marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, madanakollu fit-talba kontenuta fir-rikros ta'l-appell huwa jitlob varjazzjoni fil-piena subordinatament ghat-talbiet fil-mertu. Illi din il-qorti kellha l-opportunita' tirribadixxi diversi drabi illi fin-nuqqas illi l-

[1] Il-Pulizija vs John Mallia – App.Inf. 21/05/1960

appellanti jindika l-mottiv li fuqu tistrieh it-talba tieghu ghal varjazzjoni fil-piena inflitta, ma tarax illi ghandha ghalfejn toqghod tfittex dak il-mottiv hija stess. Il-piena erogata mil-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi, lejn il-massimu taghha, u kwindi fin-nuqqas illi l-appellanti jindika lil din il-Qorti ir-raguni li jista' iwassalha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni taghha tal-piena inflitta, ma tarax illi ghandha toqghod tfittex dik ir-raguni hija stess, iktar u iktar fin-nuqqas ta' aggravvju formali fir-rigward. Il-Qorti tosserva biss illi l-appellanti huwa plurimu-recidiv, diga' inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu izda baqa' jaghti bis-sieq dawn l-opportunitajiet u diga' gie misjub hati ta' reati simili ghal dawk li dwarhom instabet htija f'dan il-kaz – motivazzjonijiet li *del resto* sawwru id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga il-piena ghar-reati li dwarhom l-appellanti instab hati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appelata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef